# Il-Kwadru Titulari ta' Santa Margerita V.M.

*minn:- Emanuel Zammit*



Minn meta bdejt naħdem ix-xogħol ta' restawr, madwar għoxrin sena ilu dejjem ħadt interess f'dak kollu li ġie f'idejja biex jiġi r-restawrat; u bosta drabi ix-xogħol ta' restawr fuq dawn l-opri kien jitlob ċerta attenzjoni speċjali minħabba li dawn l-opri kienu għaddew minn ħafna idejn diversi.

Xi wħud minn dawn il-biċċiet t'arti kienu jiġbdulek interess partikolari minħabba l-fatt li l-pittura pinġuta fuqhom ma tkunx saret minn pittur wieħed, iżda minn pitturi diversi.

Meta bdejt l-ewwel xogħol ta' restawr ġewwa l-gżira t'Għawdex kienu bosta l-opri sbieħ ta' pittura mifruxa f'bosta parroċċi, knejjes u kunventi li ġibduli ċertu nteress partikolari. Waħda minn dawn il-biċċiet ta' pittura hija l-pittura sabiħa u artistika tal-kwadru titulari ta' Santa Margerita Verġni u Martri ġewwa l-parroċċa ta' Sannat. Biċċa xogħol sabiħa li kull min għandu għal qalbu l-arti Sagra f'pajjiżna bilfors li jrid xi darba jew oħra jiltaqa' magħha.

Meta ġejt imsejjaħ mill-ħabrieki arċipriet u kleru tal-parroċċa ta' Sannat biex nara jekk hux il-waqt li nibdew ix-xogħol ta' restawr fuq dan il-kwadru, ħassejtni onorat li nidħol għall-biċċa xogħol li nkun jien li nidħol għax-xogħol ta' restawr ta' kwadru ta' pregju hekk kbir.

Il-kwadru titulari ta' Santa Margerita ġie mpitter fuq it-tila għal ħabta tas-seklu sbatax. Il-kobor tiegħu huwa ta' 205cm wisa u 334cm tul. Il-kwadru tpitter biż-żebgħa taż-żejt. Dan il-kwadru jirrappreżenta lil qaddisa Margerita tħaddan is-salib u l-palma tal-Martirju fuq is-salib tidher ix-xbieha ta' ħamiema bajda. Il-figura ta' Santa Margerita hi liebsa b'kuluri sbieħ ċari fejn jagħmlu kuntrast qawwi mil-figura mudlama tad-dragun; li jidher ħiereġ minn wara l-qaddisa. Il-ħlewwa u l-finizza tal-wiċċ u l-idejn kif ukoll is-sieq il-leminija tal-qaddisa jatribuixxu dan ix-xogħol lil pittur Malti Stefano Erardi li għex bejn is-sena 1630 – 1716.

Ta' interess f'dan il-kwadru huwa il-pajesaġġ li naraw impitter fil-parti t'isfel tax-xellug ta' dan il-kwadru. Il-kwadru kif narawh illum ġie mkabbar matul is-snin; aktarx mill-pittur Ganikol Buhagiar li għex bejn 1698 – 1752. Ir-raġuni għal l-kwadru ġie mkabbar hi li matul iż-żmien, il-knisja ta' Sannat minn daqsxejn ta' kappella saret il-knisja li naraw illum u s-Sannatin jidher li ma xtaqux li l-inkwatru l-oriġinali, xogħol kif diġa semmejna ta' Stefano Erardi jintilef u jinbidel ma' xi ieħor, peress li kif ser insemmu aktar 'l quddiem, dan il-kwadru kien igawdi ċerta devozzjoni.

Għalhekk kien ħsieb tassew għaqli li dan il-kwadru jitpoġġa bħala titular għall-Knisja l-ġdida. Il-knisja l-ġdida kienet ferm akbar minn ta' qabilha u għalhekk l-inkwatru kien meħtieġ li jitkabbar. Il-pittur Gannikol Buhagiar żied u kabbar il-kwadru mad-dawra tiegħu kollha. Fil-kwadru nsibu dawn iż-żidiet, anġlu qed ipoġġi l-kuruna tal-martirju fuq ras il-qaddisa fil-waqt li żewġt irjus ta' l-anġli qed iħarsu lejha. Żieda oħra fil-parti tal-lemin tal-kwadru hija kolonna pinguta miksura li x'aktarx qed tissimbolizza t-telfa tal-paganizmu. Il-pittur Buhagiar qagħad ferm attent li ma jmiss xejn mill-pittura li kienet saret snin qabel mill-pittur Erardi.

**<u>X'sar u x'instab fir-restawr</u>**

Il-process tar-restawr kien jikkonsisti prinċipalment fit-tindif tal-pittura. Ma kinitx ħa ġa faċli li tnaddaf kwadru li sar u tkabbar fi żminijiet differenti, għalhekk kien jeħtieġ attenzjoni partikolari rigward il-parti miżjuda mall-parti oriġinali biex bl-ebda mod, wieħed jneħħi u jtellef mill-



Tiġrija Jewellers

**Nazju Sultana**
Proprietor

Level 2, Tigrija Palazz, Republic Street, Victoria, Gozo
Tel: 559324



uniformita' tal-pittura. Tneħħew ukoll passati ta' verniċ u rtokki ta' kuluri xejn pjaċevoli li kienu saru matul dawn l-aħħar mitt sena. Meta tneħħew dawn l-irtokki nstab li fuq ir-ras, madwar l-għonq kif ukoll madwar il-pali ta' l-idejn tal-figura ta' Santa Margerita kienu jidhru toqob żgħar li jindikaw li f'dawn il-partijiet kienu jitpoġġew oġġetti ornamentali ta' deheb jew fidda biex iżejnu lill-qaddisa. Dawn jindikaw id-devozzjoni u l-popolarita li kien igawdi dan l-inkwadru. Fil-preżent dawn il-partijiet ġew irtukkjati u sar irtokk biss f'partijiet fejn kien assolutament neċessarju. Il-kwadru ingħata kimika speċjali biex jiġi ppriservat għall-aktar tul taż-żmien.

Illum għall-grazzja t'Alla din l-opri ta' l-arti ġiet irrestawrata u wieħed jista' japprezza l-ġmiel tagħha fl-oriġinalita tagħha pero tajjeb li wieħed ma jinsiex li biex inġawdu din l-opra u opri simili li jżejnu l-knejjes tagħna jeħtieġ li aħna nkunu aktar nies responsabbli. Ix-xemgħa li tinxtel quddiemhom tagħmel hsara kbira.



Naħseb li llum li l-Knisja ta' Sannat b'mod speċjali bid-dehra ġdida li ħadet, jistħoqqilha li tkun aktar apprezzata. Ix- xogħol kollu li sar kien jitlob ħsieb, responsabilta u attenzjoni kbira. J'Alla dawk ta' warajna japrezzaw u jgħozzu ix-xogħol kollu li sar għad unur ta' Alla u ta' Santa Margerita.

Swan
CARD GALLERY
NOW MORE
FRIENDLY PERSONAL SERVICE
ORIENTI SHOPPING ARCADE
REPUBLIC STR., VICTORIA, GOZO.

